MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 39/2003

**Continental Cars Limited**

**Vs**

**Antonella Vassallo u Q Entertainment Productions Ltd, jew min minnhom**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u tletin liri Maltin (Lm1,530), bilanc ta' prezz ta' vettura VW Polo li ghandha c-Chassis numru 6NZYY543704 mixtrija mill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex tinghata bhala rigal fi programm televiziv imtella mill-istess socjeta' u dan kif jirrizulta mill-fattura annessa mal-avviz u mmarkata Dok '1'.

Bl-imghaxijiet mit-8 ta' Settembru 2001, data tal-fattura msemmija sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez

kollha kontra s-socjeta' konvenuta li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument markat Dok 1 a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jew min minnhom jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti jew min minnhom naqsu u ma dehrux fil-19 ta' Lulju 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat dak verbalizzat mis-socjeta' attrici waqt is-seduta tallum stess dwar is-solidarjeta in rigward il-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta u lis-socjeta konvenuta sabiex jhallsu solidalment bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1530.00,0 bl-imghax legali mit-18 ta' Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------